MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 307/2011

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Awissu 1987 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel illum maggorenni;

2. Illi il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Margaret Heywood tad-9 ta’ Ottubru 2003 Dok A;

3. Illi l-partijiet ilhom hekk ‘il fuq minn erba snin legalment separati u ikar minn hekk separati de facto;

4. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat il-partijiet ma kellhomx obbligu li ihallsu manteniment lil xulxin stante li kien hemm dekadenza, mentri l-esponent kien obbligat li ihallas biss manteniment ghat-tifel; dan il-manteniment dejjem thallas u illum ma hemmx dan l-obbligu stante li it-tifel ma ghadux minuri;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66b tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti;
2. Illi huwa minnu illi huma sseparaw in forza ta' kuntratt pubbliku in atti Nutar Dr Margaret Heywood tad-9 ta' Ottubru 2003 u ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin;
3. Illi huwa wkoll minnu illi r-rikorrenti dejjem ottempera ruhu mal-hlas tal-manteniment;
4. Illi l-esponenti taghzel li zzomm kunjomha ta' mizzewga;
5. Illi fi kwalunkwe kaz, hija ma ghandhiex tbati spejjez tal-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti u mix-xhieda illi instemghu irrizulta illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg jigi dikjarat null huma sodisfatti u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Margaret Heywood tad-9 ta' Ottubru 2003.

Illi irrizulta wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet ma kellhomx obbligu li jhallsu manteniment lil xulxin u irrizulta illi ir-rikorrenti dejjem hallas manteniment ghat-tifel minuri, u illi illum il-gurnata ma hemmx dan l-obbligu peress illi t-tifel huwa maggorenni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------